**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**3 ta' Mejju 2021**

**Rikors Numru 96/2020**

**Maurice Cassar u Marcelle Cassar**

**Vs**

**Awtorità tad-Djar**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Maurice u Marcelle konjugi Cassar** ipprezentat fit-12 ta' Novembru 2020 li permezz tiegħu ppremettew is-segwenti :

*"1.Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 17 ta' Settembru 2020 (numru 2952.2020) li l-esponenti ircevew fl-12 ta' Ottubru 2020 huma gew interpellati sabiex ai terimini tal-artikolu 9 (a), 9 (d)(ii) (iii) u l-artikoli sussegwenti tal-Kapitolu 573 tal-Ligijiet ta' Malta li huma jizgumbraw mill-kamra fuq il-bejt illegali mibnija fil-partijiet komuni ta' Flat 8 Blk A Housing Estate Birkirkara u dan fi zmien tlettin gurnata minn notifika.*

*2.Illi l-esponenti jghix il-Kalkara fl-appartamenti tal-Gvern u il-bejt tal-istess ma huwiex uzat minn ebda wiehed mill-inkwilini l-ohra proprju ghalhekk li l-esponenti ddecidew li jirrivolgu ruhhom ghand l-Perit Carmelo Cacopardo u talbuh li japplika ghan-nom taghhom sabiex jibnu kamra fuq il-bejt.*

*3.Illi wara dan huma applikaw debitament u ghaddew mill-proceduri normali mal-Awtorita ta' dak iz-zmien veljanti u cioe' l-Awtorita tal-Ambjent u l-Ippjanar liema wara l-publikazzjoni u informazzjoni necessarja inkluz li twahhlet l-avviz tal-imsemmija talba gew debitament awtorizzati li din tigi mibnija.*

*4.Illi l-esponenti wara li hareg l-permess u billi l-intimati ma oggezzjonawx jew b'xi mod kkomunikaw mieghu bena l-kamra inkwistjoni huwa stess tul is-sena 2017 skont l-arti u s-sengha u ma kellu fastidju jew ilment minn hadd la waqt x-xoghol u anqas wara.*

*5.Illi fit-22 ta' Ottubru 2018 huma ircevew ittra ufficjali mill-intimati u l-esponenti kitbu fil-25 ta' Ottubru 2018 u talbu li l-Awtorita tikkonsidra mill-gdid il-posizzjoni taghha u dan gie segwit b'ittra ohra datata 7 ta' Frar 2019.*

*6.Illi tul dan iz-zmien kollu ma kienx hemm ebda komunikazzjoni ohra salv li tul dan is-sajf gew haddiema nkarigati mill-intimati sabiex jhalbu jaghmlu l-liquid membrane fuq il-bejt u ksew ukoll l-kamra inkwistjoni.*

*7.Illi barra minn dan ghalkemm fl-ittra ufficjali datata 17 ta' Settembru 2020 (numru 2952.2020) hemm indikat l-post Flat 8 Blk A Housing Estate Birkirkara billi huma gew notifikati fl-appartament tal-Kalkara qed jiehduha li dik hija s-sustanza u ghalhekk ma jridux jissugraw.*

*8.Illi l-esponenti hassewhom aggravati mill-imsemmija u bil-presenti qedhin jinterponu umili appell quddiem dan it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.*

*8.Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti*

*a.Illi fl-ewwel lok l-esponenti ma jaraw ebda raguni valida fil-ligi sabiex t-talba kif kontenuta fl-ittra ufficjali datata 17 ta' Settembru 2020 tigi accettata u dan stante li huma mxew bil-proceduri debiti u l-awtorita intimata baqghet ma resqet ebda oggezzjoni.*

*a.i. Illi dan jmur kontra s-sub-artikolu tnejn (2) "a" tal-Kapitolu 490 Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva li jghid li l-Awtorita intimat kellha qabel tohrog tali decizjoni tirrispetta d-dritt tal-partijiet li jinghataw smiegh xieraq , inkluzi l-principji tal-gustizzja naturali. i) nemo judex in causa sua ;ii) audi et alteram partem u ghalhekk kellha tkellimhom jew taghtihom cans biex jispjegaw x'gara.*

*a.ii.Illi din d-decizjoni kif kontenuta fl-imsemmija ittra ufficjali tmur ukoll kontra s-sub-artikolu tnejn (2) "h" tal-Kapitolu 490 Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva li jghid li d-decizjonijiet ghandhom ikunu motivati "Tribunal amministrattiv ghandu jaghti, b'mod bizzejjed car, il-motivi li fuqhom tkun mibnija decizjoni." U dan kif huwa rifless fl-insenjament kostituzzjonali taghna senjatament kif gie deciz mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawza Raymond Gauci vs Il-Pulizja et fis-27 ta' Gunju 2002 fejn l-Qorti r-riaffermat li ghandha bzonn ta' decizjoni motivata u dan huwa parti mill-prinicipju ta' smiegh xieraq u ta appell.*

*b.Illi tali decizjoni amministrattiva hija zbaljata u invjolazzjoni tad-drittijiet tal-esponenti ghax huma kienu qedhin legitimament jistennew u cioe' kien hemm "legitimate expectation" bil-mod ta' kif kkomportat ruha l-Awtorita tad-Djar, u dan stante li ma oggezzjonat ghat-talba tal-permess anqas ghax-xogholijiet li huwa wettaq fil-bini ta' din il-kamra dan b'dannu lill-esponenti.*

*Ghaldaqstant l-appellanti fil-waqt li jghamlu referenza ghas-suespost , ghall-prova diga prodotta u dawk producibbli quddiem dan it-Tribunal Onorabbli kif ukoll ghas-sottomissjonijiet li saru u dawk sollevabbli jitlobu bir-rispett li dan it-Tribunal joghgbu jirrevoka, jhassar u jannulla d-decizjoni li ttiehdet kif kontenuta fl-ittra ufficjali datata 17 ta' Settembru 2020 (numru 2952/2020) kontra l-esponenti sabiex jizgumbraw u jwaqqu l-kamra li giet minnhom mibnija u jirrintegraw lill-esponenti fil-posizzjoni legittima u legali taghhom u*

*konsegwentment li jinghataw dawk l-ordnijiet jew provvedimenti ohra li jidhirlu xierqa u gusti."*

Ra r-risposta **tal-Awtorità tad-Djar** ipprezentata fis-17 ta' Novembru 2020 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

"

1. *Illi qabel xejn huwa evidenti li fl-ittra ufficjali li dwarha tittratta din il-kawza, il-fond mertu tal-kawza gie indikat b' mod zbaljat bhala Flat 8, Block A, Housing Estate, B' Kara meta dan kellu jigi indikat bhala Blokk 1, Entratura B, Triq L-Ghassieli Kalkara. Dan kien zball tal-pinna. Ghalhekk qed tintalab korrezzjoni tal-istess ittra ufficjali biex fejn hemm indikat Flat 8, Block A, Housing Estate, B' Kara jigi mibdul biex jaqra' Blokk 1, Entratura B, Triq L-Ghassieli Kalkara. F' kaz li l-intimat joggezzjona allura l-ittra ufficjali tigi irtirata u tinhareg ittra ufficjali ohra bl-indirizz korrett; f' kaz li il-korrezzjoni tintlaqa' minghajr oggezzjoni tar-rikorrenti allura il-kawza tkompli fuq il-fond Blokk 1 Entratura B, Triq L-Ghassieli Kalkara;*

2. *Illi l-Awtorita` esponenti mhijiex Tribunal Amministrattiv. Jekk l-Awtorita' tara li persuna qed tokkupa illegalment bini jew art li hi taghha allura hi tagixxi biex tikkawtela id-drittijiet taghha. Intant pero` illum minflok il-Kap 88 u minflok tagixxi b' mod arbitrarju billi tohrog "Eviction Order" kif kienet taghmel bil-ligi l-antika, illum trid tagixxi ai termini tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta u tohrog l-ittra ufficjali fejn jigi ordnat l-izgumbrament. Huwa wara dik l-ittra ufficjali li jidhol in xena it-Tribunal Amministrattiv – li huwa dan it-Tribunal li allura jisma' lill-partijiet u jara jekk l-Awtorita` kelliex ragun fl-asserzjonijiet taghha. Intant la l-Awtorita` tad-Djar u la ebda fergha taghha ma hija inkluza jew riferita bhala 'administriative tribunal' fl-ewwel skeda tal-Kap 490 citat mir-rikorrenti. Ghalhekk l-ewwel aggravju tar-rikorrenti ma jistax jintlaqa'*

3. *Illi ma kien hemm ebda 'legitimate expectation' li giet moghtija lir-rikorent biex jibni kamra fuq propjeta` li mhijiex tieghu. Allahares persuna tista' tibni fejn trid fuq propjeta` li mhijiex taghha u ghaliex dak ma jindunax jew ma jitkellimx allura persuna tista tarroga ghaliha art li altrimenti mhijiex taghha. Ghalhekk it-tieni aggravju tar-rikorrenti ma jistax jintlaqa'*

4. *Illi l-fond in kwistjoni hu mikri mill-Awtorita` esponenti u dan jifforma parti minn blokk ta' appartamenti li ghadda ghand l-Awtorita` esponenti permezz tal-avviz legali 258 tas-sena 2014;*

5. *Illi r-rikorrenti qabdu u bnew struttura tintuza bhala washroom u dan minghajr il-permess tal-Awtorita` esponenti kif ukoll in vjolazzjoni tal-kuntratt ta' kera datata 21 ta' Jannar tas-sena 1992 - – kopja tal-kuntratt anness u mmarkat bhala* **Dok HA1**

6. *Illi fil-kuntratt ta' kera datata 21 ta' Jannar tas-sena 1992 iffirmat bejn il-partijiet ma jissemma' bl-ebda mod li gie mikri wkoll parti diviza mill-bejt lill-inkwilini*

7. *Illi klawzola 17 tal-imsemmi kuntratt jaqra' hekk:*

*"**L-inkwilin m'ghandu jaghmel ebda tibdil jew tigdid jew tiswijiet jew xoghlijiet ohra fl-istess fond anki dawk li ghandu jaghmel bil-ligi jew skond dan il-ftehim jekk qabel ma jkunx gab l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju ta' l-Artijiet**, li jekk jidhirlu xieraq jista' wkoll jispezzjona u/jew jissorvelja l-esekuzzjoni tax-xoghol; jew anki jista' jesigi li l-istess xogholijiet jew tiswijiet ghandhom issiru taht it-tmexxija ta' Perit jew persuna ohra professjonista mahtura minnu bi spejjez ta' l-inkwilin."*

8. *Illi meta l-Awtorita` esponenti saret taf bil-kamra mibnija fuq il-bejt tal-blokk in kwistjoni, hi innotifikat lill-"Enforcement Complaint Section" fi hdan l-Awtorita` tal-Ippjanar;*

9. *Illi ghalhekk l-Awtorita` esponenti baghtet zewg ittri ufficjali (datati 18/06/2018 u 24/08/2018) lir-rikorrent Maurice Cassar sabiex inehhi l-istruttura illegali li bena fuq il-bejt - kopji annessi u mmarkati bhala* ***Dok HA2*** *u* ***Dok HA3*** *rispettivament;*

10. *Illi l-Awtorita` tad-Djar giet notifikata fis-27 ta' April 2018 li l-inkwilini applikaw mal-Awtorita` tal-Ippjanar sabiex jibnu struttura fuq il-bejt;*

11. *Illi fl-1 t' Ottubru 2018 is-sezzjoni tal-'estate inspection' innotifikaw lill-inkwilini Cassar, lill-perit u lill-Awtorita` tal-Ippjanar li ma jistghux japprovaw din it-talba.*

12. *Illi minhabba l-fatt li l-atturi wabbsu rashom u xorta bnew u hallew il-kamra hemm u ghalhekk baqghu inadempjenti, l-Awtorita` esponenti baghatet Ittra Ufficjali ghal zgumbrament datata 17 ta' Settembru 2020 li giet notifikata fit-12 ta' Ottubru 2020 – kopja hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok HA4****;*

13. *Illi l-attur ma jistax jippretendi li jista jaqbad u jibni fuq bejn li mhuwiex tieghu. L-attur ma ghandux titolu fuq il-bejt u qatt ma talab jew inghata permess li jibni il-kamra. Ghalhekk l-Awtorita' tad-Djar ghandha dritt li tizgumbrah mill-kamra.*

14. *Ghaldaqstant it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.*

15. *L-Awtorita' tad-Djar tirriserva li tipprocedi ghad-danni li gia inkorriet u li ghad tista tinkorri – inkluzi l-ispejjez u id-danni li ser tinkorri biex twaqqa' il-kamra mibnija mill-atturi."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Ra illi fid-9 ta' Frar 2021 l-Awtorita` intimata pprezentat l-ittra ufficjali Numru 2952/2020 b'Nota maghha pprezentata fil-15 ta' Dicembru 2020 li permezz taghha issottometiet li xtaqet tikkoregi l-ittra ufficjali pprezentata fis-17 ta' Settembru 2020 billi kull fejn jidher l-indirizz "Flat 8, Block A, Housing Estate, B'Kara", jigi sostitwit bl-indirizz "Block 1, Entratura B, Appartament 8, Triq l-Ghassieli, Kalkara";

Sema' s-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ħassewhom aggravati b'deċiżjoni tal-Awtorità intimata kif kontenuta f'ittra uffiċjali Numru 2952/20 datata 17 ta' Settembru 2020 li permezz tagħha talbet lir-rikorrenti jiżgombraw minn kamra fuq il-bejt mibnija llegalment fil-partijiet komuni ta' Flat 8, Block A, Housing Estate, Birkirkara[1] fi żmien tletin (30) ġurnata min-notifika tal-istess ittra u dan ghas-segwenti ragunijiet u cioe`:

i. stante li kienu qeghdin jokkopaw l-imsemmija proprjeta` mingħajr ebda titolu validu fil-liġi peress li bew kamra minghajr permess tal-Awtorita` tad-Djar u b'hekk arrogaw ghalihom biss spazju fuq il-bejt li ghalih huma intitolati is-sidien u, jew inkwilini kollha tal-appartamenti l-ohra fil-blokka, u
ii. minghajr pregudizzju, ghas-suespost, ghamlu uzu differenti mill-art minn dak li kien miftiehem u ghamel hsara lill-art jew fuq dak li hemm mibni fuqha.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi permezz ta' ftehim ta' kiri datat 21 ta' Janar 1992, id-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali kera lir-rikorrenti l-appartament numru 8, Entratura B, Appartamenti Indipendenza, Kalkara versu l-kera ta' mitejn lira (Lm200) fis-sena.[2]

**Ir-rikorrent Maurice Cassar** spjega illi huwa kien applika biex jibni kamra fuq il-bejt mal-Awtorita` ghall-Ambjent u l-Ippjanar. Ghal dan il-ghan kien inkariga lill-Perit Carmel Cacopardo. Jispjega li wara li hariglu l-permess huwa beda jibniha bil-mod il-mod. Jispjega li peress li hemm residenzi ohra fil-blokka, huwa tkellem mar-residenti l-ohra u hadd ma oppona. In kontro-ezami stqarr illi qabel ma bena l-kamra in kwistjoni huwa ma kienx kellem lill-Awtorita` intimata.

**Il-Perit Carmel Cacopardo** spjega li huwa kien inkarigat minn Maurice Cassar sabiex japplika ghal permess ta' *washroom* fuq il-bejt ta' blokka flats fejn kien joqghod. Ghalhekk, fil-25 ta' Jannar 2001 huwa kiteb lill-Kummissarju ta' l-Artijiet fejn talbu l-permess. Il-Kummissarju ta' l-Artijiet wiegeb fl-10 ta' Mejju 2001 fejn infurmah li t-talba tkun ikkunsidrata wara li jinkiseb il-permess minghand l-Awtorita` tal-Ippjanar. Ghalhekk huwa kompla bil-procedura fejn applika ghall-permess tal-Awtorita` tal-Ippjanar, inkluz notifika, permezz ta' ittra registrata, lill-Kummissarju tal-Artijiet. Eventwalment il-permess tal-Awtorita` tal-Ippjanar hareg pero` sussegwentement ma saret l-ebda procedura ohra.

---

[1] Permezz ta' Nota ipprezentata fil-15 ta' Dicembru 2020 l-Awtorita` intimata ghamlet korrezzjoni fl-indirizz biex dan jigi jaqra "Block 1, Entratura B, Apartament 8, Triq l-Ghassieli, Kalkara". Id-difensur tar-rikorrent ta l-visto fuq din in-Nota u ma opponiex ghal tali korrezzjoni.
[2] Dokument HA1 a fol. 14

**Judas Thaddeo Cordina u Victor Abdilla,** residenti fil-blokk ta' appartamenti in kwistjoni xehedu illi huma ma kellhom oggezzjoni ghall-kamra mibnija mir-rikorrenti.

**Dr. Bryony Balzia Bartolo** xehdet illi f'Jannar 2018 l-Awtorita` tad-Djar kienet ghamlet rapport lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar dwar struttura illegali fuq il-bejt tal-blokka in kwistjoni. Tispjega li minn ritratt mehud fis-27 ta' Frar 2018 jirrizulta li l-kamra in kwistjoni kienet ghadha qieghda tinbena. Tispjega illi fis-27 ta' April 2018 ir-rikorrenti talbu lill-Awtorita` intimata sabiex taghti l-permess taghha ghall-imsemmi zvilupp. Permezz ta' ittra datata 1 ta' Ottubru 2018, l-Awtorita` intimata infurmat lir-rikorrenti li ma kinitx se taccetta dan l-izvilupp. Sussegwentement, l-Awtorita` baghtet diversi ittri legali lir-rikorrenti sabex inehhu l-istruttura llegali.

**Ikkunsidra:**

Illi fl-aggravji taghhom ir-rikorrenti jaghmlu referenza ghal dak li jiddetta Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva) rigward kif ghandu jimxi tribunal amministrattiv. Huma jghidu li l-Awtorita` intimata ma mxietx skont il-principji li ghandhom jiggwidaw tribunal amministrattiv, inkluz il-principji tal-gustizzja naturali *nemo iudex in causa propria* u *audi alteram partem*. Illi t-Tribunal josserva illi l-Awtorita` intimata mhix Tribunal Ammininistrattiv izda hija awtorita` regolatorja f'dak li ghandu x'jaqsam akkomodazzjoni socjali. Illi huwa desiderabbli li kull decizjoni amministrattiva tkun spjegata b'mod car u c-cittadin jinghata cans jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu jekk ikun se jintlaqat hazin b'xi decizjoni amministrattiva. Illi f'dan il-kaz jirrizulta illi l-Awtorita` intimata ma qabditx u pprezentat l-ittra ufficjali odjerna mill-ewwel. Kienet ilha tinterpella lir-rikorrenti ghal kwazi sentejn permezz ta' ittri legali u ufficjali fejn fihom infurmatu b'mod car x'irriskontrat. Illi r-rikorrenti ghalhekk kellu kull opportunita` li jgib a konjizzjoni tal-istess Awtorita` kwalunkwe sottomissjoni li hass li kellu jaghmel. Illi ghalhekk dawn l-aggravji qeghdin jigu michuda.

Illi r-rikorrenti jissottomettu wkoll illi d-decizjoni appellata hija zbaljata u tivvjola d-drittijiet taghhom ghax kellhom *legitimate expectation* stante li l-Awtorita` tad-Djar ma oggezzjonatx ghat-talba tal-permess ghax-xogholijiet imwettqa. Illi dawn l-aggravji se jigu trattati hawn taht.

Illi skont ma xehed ir-rikorrent Maurice Cassar u l-Perit Carmel Cacopardo, madwar ghoxrin sena ilu r-rikorrent kien ottjena permess minghand l-Awtorita` tal-Ambjent u l-Ippjanar sabiex jibni *washroom* fuq il-bejt ta' blokka flats gewwa l-Kalkara, f'liema blokka huwa ghandu appartament mikri lilu minghand l-Awtorita` intimata. Madankollu, it-Tribunal jinnota li r-rikorrenti ma pprezentaw l-ebda permess tal-Awtorita` tal-Ambjent u l-Ippjanar.

Illi mir-ritratt esebit minn Dr. Bryony Balzia Bartolo jirrizulta illi f'April 2018 l-istess kamra, ghalkemm mibnija kienet ghadha bla aperturi,[3] filwaqt li minn ritratt iehor

[3] Dokument BB4 a fol. 96

mehud f'Awwissu 2018 jidher li kien gie nstallat bieb pero` kien ghad baqa' apertura bla tieqa.

Illi jirrizulta wkoll illi f'Jannar 2001 ir-rikorrent Maurice Cassar kien kiteb ittra lill-Kummissarju ta' l-Artijiet fejn talbu permess biex jibni *washroom*.[4] Din l-ittra giet imwiegba f'Mejju 2001 fejn ir-rikorent gie infurmat bis-segwenti:

*"I refer to your letter of the 25 January 2001 wherein you requested clearance for the above works.*
*I have to inform you that this Department is prepared to consider the issue of a permit to cover these works if the necessary consent is given by the Planning Authority.*
*In the circumstances, you are advised to seek Planning Authority's approval to your proposal, this of course without prejudice to the final decision taken by this Department.*
*Moreover, this Department is in no way to be held responsible for any expenses incurred in seeking Planning Authority's approval.*
*Once you have obtained the Planning Authority's approval you are also to attach three sets of plans/site plans showing the proposed works as submitted to Planning Authority and as approved by Planning Authority, all authenticated by your architect."*

Jirrizulta wkoll illi fi Frar 2002, il-Perit inkarigat mir-rikorrenti kien innotifika lill-Kummissarju ta' l-Artijiet li kien se jissottometti applikazzjoni mal-Awtorita` tal-Ambjent u l-Ippjanar sabiex tinbena l-*washroom* in kwisjtoni.[5]

Illi skont l-ittra ta' Mejju 2001, wara li jottjeni l-permess tal-Awtorita` tal-Ambjent u Ippjanar, ir-rikorrent kellu jissottometti kopji tal-pjanti li kienu juru x-xoghol propost. Madankollu, minn dan kollu ma jirrizulta li sar xejn u r-rikorrent bena l-*washroom* minghajr ma ottjena xi tip ta' decizjoni finali da parti tal-Kummissarju tal-Artijiet. Dan ifisser biss illi r-rikorrenti bnew il-*washroom* minghajr il-kunsens tal-Kummissarju tal-Artijiet, kunsens li kien *sine qua non* ai termini ta' klawsola 17 tal-kuntratt ta' kiri li tghid is-segwenti:

*"17. L-inkwilin m'ghandu jaghmel ebda tibdil jew tigdid jew tiswijiet jew xoghlijiet ohra fl-istess fond anki dawk li ghandu jaghmel bil-ligi jew skont dan il-ftehim jekk qabel ma jkunx gab l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Artijiet, li jekk jidhirlu xieraq jista' wkoll jispezzjona u/jew jissorvelja l-esekuzzjoni tax-xoghol; jew anki jista' jesigi li l-istess xoghlijiet jew tiswijiet ghandhom isiru taht it-tmexxija ta' perit jew persuna ohra professjonista mahtura minnu bi spejjez tal-inkwilin."*

Illi ghaldaqstant, huwa rrilevanti li r-residenti l-ohra tal-appartamenti m'ghandhomx oggezzjoni li r-rikorrenti ikollu l-istruttura in kwistjoni fuq il-bejt. Il-fatt hu li r-rikorrenti ma setghu qatt jibnu struttura fuq partijiet komuni, li per di piu` huma mikrija lilhom. Lanqas ma jista' jinghad li l-Awtorita` tad-Djar, jew ahjar il-Kummissarju tal-Artijiet, holqot xi aspettattivi legittimi fir-rikorrenti. Fl-ittra ta' Mejju 2001 id-Direttur

[4] Dokument a fol. 67
[5] Dok CC1 a fol. 65

tad-Dipartiment ghat-Tmexxija tal-Proprjeta` tal-Gvern kien ta parir lir-rikorrenti jottjenu permess minghand l-Awtorita` tal-Ippjanar, pero` dan kien bla pregudizzju ghal kwalunkwe decizjoni ahharija li setghet tittiehed wara tali permessi. Illi filwaqt li t-Tribunal isib li l-prassi li kienet tigi adoperata mid-Dipartiment tal-Artijiet ma kinitx forsi l-ahjar wahda fic-cirkostanzi, tant li llum il-gurnata kwalunkwe zvilupp fuq art pubblika jrid l-ewwel jghaddi mill-iskrutinju tal-Awtorita` tal-Artijiet biex applikazzjoni mal-Awtorita` ta' l-Ippjanar tkun tista' timxi 'l quddiem, ma jfissirx illi l-istess Dipartiment b'xi mod holoq xi aspettattiva legittima fir-rikorrenti. Ir-rikorrent kien konxju mill-kontenut tal-ittra mibghuta mid-Dipartiment ghat-Tmexxija tal-Proprjeta` tal-Gvern u allura ma setax jaqbad u jibni minghajr ma jgib l-awtorizzazzjoni minghand il-Kummissarju tal-Artijiet.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jsib xejn irregolari fit-talba tal-Awtorita` intimata hekk kif kontenuta fl-ittra ufficjali numru 2953/2020.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-risposta tal-Awtorità intimata u għaldaqstant jikkonferma l-kontenut tal-ittra uffiċjali numru 2952/20 li kopja tagħha tinsab esebita a fol. 47 tal-proċess bin-Nota korrettorja esebita a fol. 49, u ai termini tal-artikolu 16 (2) tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta jipprefiġġi terminu perentorju ta' tletin (30) ġurnata mid-data ta' din is-sentenza sabiex ir-rikorrenti jiżgombraw u jneħħu kull oġġett mobbli appartenenti lilhom mill-kamra fuq il-bejt ta' Blokk 1, Entratura B, Triq l-Ghassieli, Kalkara.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**